

# Il-Mewt tat-Tabib Mosti TUMAS CHETCUTI (1797-1863)

## *u xi tagħrif dwar xi persuni prominenti li attendew għall-funeral*

kitba ta' Emanuel Cilia Debono

### Il-mewt tat-Tabib Chetcuti

Fit-18 ta' Marzu 1863 fil-Mosta sar il-funeral tat-tabib Mosti Tumas Chetuti, kif kien ried hu qabel mewtu, li jindifen f'raħal twelidu. Għalkemm minħabba fix-xogħol li kellu, it-tabib kien qatta' biċċa kbira minn ħajtu barra mir-raħal, huwa baqa' jħobb il- Mosta sal-aħħar. Kien iħobb iqatta' fir-raħal il-ftit ħin ta' mistrieħ li kien ikollu, fid-dar ta' villeġġatura li tinsab fit-triq li ssemmiet għalih - Triq it-Tabib Tumas Chetcuti.

It-tabib ħalla tibki t-telfa tiegħu lil martu Chiara li kien iżżewwiġha fis-26 ta' Jannar 1858, wara l-mewt tal-ewwel mara li kellu, li kien jisimha Tereża. Chiara kienet bint il-Perit u Disinjatur Giorgio Pullicino (1779-1851).[1] Missier Chiara ma laħaqx ra ż-żwieġ ta' bintu mat-tabib Mosti, għaliex kien miet qabel; iżda r-rabta tiegħu mal-Mosta tmur lura għaż-żmien li fih huwa bagħat disinn għall-knisja l-ġdida f'konkors li kien nieda l-Isqof Caruana. Id-disinn ta' Pullicino ma ntagħżilx mhux għax kien fih x'wieħed imaqdar, iżda għax il-kappillan tal-Mosta ta' dak iż-żmien, Dun Feliċ Calleja kien laħaq twebbel bil-proġett ta' Grognet u kien intefa' b'ruħu u b'ġismu biex jarah jitwettaq. Il-Perit Michael Ellul, ta' żmienna, isostni li Giorgio Pullicino kien l-aħjar esponent tal-arkitettura neo-klassika fl-ewwel żminijiet tal-Ingliżi f'Malta.[2]

### Is-Sinjura Chiara Chetcuti

It-tabib Chetcuti ma kellux tfal, la mill-ewwel żwieġ u lanqas mit-tieni żwieġ tiegħu. Huwa iżda kien dedikat kemm għall-familja tiegħu kif ukoll għall-morda li kienu jfittxuh.

Għalkemm fl-aħħar ġimgħat ta' ħajtu ma kienx għadu joħroġ jagħmel visti barra, kif kien jagħmel qabel, huwa baqa' jara l-morda li kienu jfittxuh fid-dar tiegħu tal-Belt Valletta. Is-Sinjura Chiara min-naħa tagħha mhux biss wettqet dmirha bħala mara ta' tabib, iżda ħadet ħsieb żewġha b'għożża kbira u b'sabar mhux żgħir.

Fl- aħħar marda li kellu żewġha, hija marret miegħu Pariġi għand speċjalista li kien jaf, iżda l-marda kompliet taħkmu. Il-Prof. Gavino Gulia, li kien ħabib tal-familja Chetcuti, ħalla xhieda ta' dan fir-rakkont li kiteb dwar il-ħajja tat-tabib Chetcuti.[3] Is-Sinjura Chiara ma għaddietx għal żwieġ ieħor wara l-mewt tat-tabib Tumas.

### Min kien it-Tabib Tumas Chetcuti

It-Tabib Tumas Chetcuti kien iben familja Mostija għanja u tat-tajjeb. Fl- aħħar snin tal-Ordni u fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża, missieru Giovanni Maria kien sindku tar-raħal. Il-missier ta lil ibnu l-aħjar tagħlim li seta' jiksiblu u ħallas mhux ftit minn butu biex jarah jimxi 'l quddiem. Huwa xtaq kieku jara lil ibnu jilħaq qassis, iżda ż-żgħażagħ Tumas kellu ħsieb ieħor. Sa minn ċkunitu, Tumas wera ġibda għall-letteratura klassika Latina. Huwa daħal għall-kors tal-liġi fl-Università ta' Malta, fejn dak iż-żmien kien Rettur il-Kanonku Franġisku Saverju Caruana. Matul il-kors huwa studja wkoll il-filosofija, iżda għalkemm temm il-kors b'suċċess, huwa ma ħassx li kien maqtugħ għall-ħajja ta' avukat. Minflok, ħass ġibda lejn il-professjoni medika. Għalkemm dak iż-żmien, l-Università tagħna kellha Fakultà Medika, huwa għażel li jmur jistudja barra minn Malta, fl-Università ta' Napli, minn fejn dak iż-żmien kienu joħorġu wħud mill-aħjar tobba. Meta mbagħad temm l-istudju u laħaq il-livell ta' taħriġ meħtieġ fil-mediċina u fil-kirurġija, it-tabib żagħżugħ ġie lura Malta, u beda jservi ta' tabib fir-Rabat.



It-Tabib Tumas Chetcuti.[29]

Sa mill-bidu tal-karriera tiegħu, Tumas wera ħila u ħerqa mhix tas-soltu fil-qadi ta' dmirijietu. Ma damx wisq ma t-tabib Mallia qabbdu jaħdem miegħu fl-Isptar ta' Santu Spirtu tar-Rabat, li dak iż-żmien kien wieħed mill-isptarijiet ċivili ewlenin f'Malta. It- tabib Mallia, li kien imdaħħal fiż-żmien, irtira ftit wara u ħalla minfloku lit-Tabib Chetcuti li kompla miexi 'l quddiem fil-karriera tiegħu.

Il-kolera tas-sena 1837 kienet okkażjoni f'waqtha biex it-Tabib Chetcuti juri ħiltu u x'kien tassew isarraf. Matul il-kors tal-imxija qerrieda, huwa wettaq dmiru b'kuxjenza, bi qlubija u mingħajr biża'. Minbarra li kien jinqeda b'dak kollu li kienet toffri x-xjenza tal-mediċina ta' żmienu, huwa kien jara kif jagħmel biex itaffi d-dwejjaq u n-niket tal-marid kif ukoll tal-familjari. It-Tabib Tumas ma damx ma għamel isem bħala bniedem tar-ruħ li kien iħobb ifarraġ u jqawwi qalb kull min kien ikun imġarrab u muġugħ. Lanqas ma kien joqgħod jaħsibha darbtejn

idaħħal idejh fil-but u joħroġ flus meta dan kien ikun meħtieġ għall-ġid ta' xi ħadd fil-bżonn.

## Il-kolera tas-sena 1837

It-Tabib Tumas ma ddejjaqx jeħodha kontra xi tobba Ingliżi li kienu Membri tal-Bord tas-Saħħa tal-Gvern, iżda li kienu naqsu minn dmirhom meta ma għarrfux lill-Gvernatur, kif kien messhom għamlu, dwar il-marda qerrieda tal-kolera li kienet riesqa lejn dawn il-gżejjer. Huma kienu tal-fehma li bis-sistema tal-Kurantina li kien hawn, il-gżejjer Maltin kienu mħarsa tajjeb mid-dħul ta' epidemiji qerrieda. Kien minħabba fihom li l-Gvern baqa' ma għamel xejn waqt li l-marda waslet fi xtutna u baqgħet dieħla 'l ġewwa. L-istess tobba komplew naqsu minn dmirhom meta baqgħu jmeru s-sewwa magħruf, anki meta xi tobba Maltin wissew lill-Gvernatur Bouverie li l-marda li kienet laħqet xterdet f'dawn il-gżejjer kienet dik tal-kolera u wrewh il-bżonn li jittieħdu miżuri xierqa mingħajr dewmien. Kienu tobba Maltin, u fosthom - anzi fuq quddiem nett - it-Tabib Chetcuti, li stqarrew bla biża' lill-Gvernatur dwar dak li rriżultalhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Huma għamlu dak kollu li setgħu b'sogru mhux żgħir għal ħajjithom. Kien tard wisq meta l-Gvernatur intebaħ li ma setax joqgħod fuq il-pariri li kienu ngħatawlu fil-bidu. Fi tmiem l-epidemija, fis-sena 1837, it-Tabib Chetcuti kiteb rapport xjentifiku dwar il-marda u ndirizzah lill- Gvernatur.[4]

## Rapport dwar it-tagħlim tal-mediċina fl-Università

Is-Soċjetà Medika ta' Malta wriet fiduċja sħiħa fit-Tabib Chetcuti u qabbditu biex flimkien mat-Tabib Nikola Zammit jistħarreġ dwar it-tagħlim li kien qiegħed jingħata dak iż-żmien lill-istudenti fil-kors tal-mediċina fl-Università.[5] Minbarra li ż-żewġ tobba kellhom il-kwalifiki meħtieġa fil-mediċina huma kellhom ukoll kultura wiesgħa, għaliex waqt li t-Tabib Chetcuti kien imħarreġ tajjeb fil-filosofija u fil-kultura klassika Latina, it-Tabib Zammit kien imħarreġ sew fil-kitba tal-letteratura u kien ukoll disinjatur tajjeb. Fost id-disinni arkitettoniċi tat-tabib Zammit insibu l-faċċata tal-knisja tas-Siġġiewi. Iż-żewġ tobba ma damux ma ħarġu bir-rapport tagħhom. Kien imiss imbagħad lit-Tabib Giorgio Constantino Schinas (Malti ta' nisel Grieg) biex fil-kariga ta' Professur u Kap tad-Dipartiment tal-Mediċina fl-Università jara li r-rapport jitwettaq.[6]

## Ħidma ma' dawk li kellhom mard il-moħħ

Kmieni fil-karriera tiegħu, it-Tabib Chetcuti ħass il-ħtieġa ta' bidla fil-mod ta' kif kienu jittrattaw il-pazjenti li kienu jimirdu b'mard il-moħħ. Dan il-qasam tal-mediċina kien għadu f'Malta, bħal f'xi pajjiżi oħrajn, mitluq. Il-metodi tal-kura li kienu għadhom jintużaw għal dan it-tip ta' mard kienu qdiemu u kienu mnebbħin aktar minn preġudizzju milli minn riċerka tabilħaqq xjentifka. It-Tabib Chetcuti mhux biss wera nteress xjentifiku f'dan il-qasam , iżda kompla wkoll jagħti xhieda tal-qalb kbira li kellu, meta ħareġ minn butu somma ta' elf frank Franċiż, biex jgħin fit-twaqqif ta' sptar ġdid f'Ħ'Attard (illum l-Isptar Monte Carmeli) għall-kura ta' mard mentali. Din ma kinitx somma żgħira għal dak iż-żmien. It-Tabib Chetcuti baqa' msemmi bħala pijunier f'Malta fil-qasam tal-kura mentali. Huwa baqa' jissemma' wkoll bħala pijunier ta' metodi ta' terapija li daħħal fl-isptar mentali biex bihom jgħin lill-pazjenti jibqgħu attivi.

## Tabib Konsulent Ewlieni tal-Gvern

B'għarfien tal-ħila u tal-ħerqa tat-Tabib Chetcuti l-awtoritajiet ċivili fdawlu ħatriet pubbliċi importanti fil-qasam tas-saħħa. Huwa nħatar Supretendent Mediku tal-Isptar ta' Santu Spirtu, li dak iż-żmien kien wieħed mill-isptarijiet ċivili ewlenin ta' dawn il- gżejjer. Inħatar ukoll tabib ta' Lazzarett. Qegħduh ukoll fuq il-Kunsill tal-Università u fuq il-Bord tas-Saħħa tal-Gvern. Dawn il-karigi kienu jġibulu magħhom impenji kbar, iżda huwa baqa' joffri s-servizz tiegħu fil-privat lil dawk il-morda li kienu jfittxuh. Dan kollu kien jagħmlu minn qalbu u mhux għal xi nteress ta' qligħ. Kien għalhekk jitqies it-tabib ewlieni ta' dawn il-gżejjer. It-tabib Gulia jikkonferma li bejn is-snin 1837-1862, it-Tabib Chetcuti kien tabilħaqq il-konsulent ewlieni tal-Gvern f'kull ma kellu x'jaqsam mas-saħħa.[7] Iżda, kif jidher, l-awtoritajiet ta' dak iż-żmien ma kinux jafuhulu biżżejjed.

## Il-laqgħa tiegħu mal-Gvernatur Reid

Fl-1856, wara l-mewt bla mistennija tal-Prof. Schinas, ħafna stennew li t-Tabib Chetcuti jimla l-post battal li dan kien ħalla warajh. Din kienet ukoll ix-xewqa tat-tabib Chetcuti nnifsu. It-Tabib Gulia jemmen ukoll li dan kien ikun tabilħaqq xieraq.[8] Kellu raġun għalhekk it-tabib Chetcuti jeħodha bi kbira, meta ftit wara l-mewt tal-Prof. Schinas, il-Gvernatur Reid bagħat għalih fl-uffiċċju tiegħu, iżda flok offrielu l-Katedra tal-Mediċina kif kien kulħadd kien jistenna, huwa offrielu minflok ħatra ta' Professur tal-Mediċina Klinika. Il-Gvernatur stenna, jew aħjar ippretenda, li flimkien mal-impenji l-oħrajn li kien qiegħed iwettaq b'mod xieraq it-tabib Chetcuti, dak kellu jwettaq ukoll id-dmirijiet ġodda li l-ħatra li offrielu kienet iġġib magħha. Imbagħad, bħalkieku bi sfida, il-Gvernatur offrielu b'kumpens ħlas ta' nitfa' żieda fuq id-dħul li kellu mill-uffiċċju tiegħu. Minbarra li din iż-żieda ma kinitx xi waħda kbira, it-Tabib Chetcuti kien jaf sew x'kien jitlob minnu t-taħriġ kliniku fil-mediċina. Dan l-impenn li kien qiegħed jintalab mingħandu kien akbar minn dak li kellu qablu l-Prof. Schinas fil-kariga ta' Professur tal-Mediċina. Min-naħa l-oħra t-Tabib Chetcuti lanqas ma ried li jitlaq minn idejh il-prattika privata li huwa kien bena b'għaqal u b'sagrifiċċju tul medda ta' snin, u li kienet tagħtih sodisfazzjon kbir. Huwa dejjem ħadem minn qalbu u qatt ma fittex qligħ ta' flus. Huwa kien dejjem qabel kollox ifittex il-bżonn tal-pazjent. Ma kienx jaħsibha darbtejn idaħħal idejh f'butu biex jgħin lil xi marid li kien ikun fil-bżonn. Kien għalhekk li kiddu mhux ftit il-ħsieb li bl-offerta li kien qiegħed jagħmillu

l-Gvernatur, bħala l-ogħla uffiċjal fil-Gvern ta' dak iż-żmien, kien qiegħed juri nuqqas ta' għarfien tal-ġid kollu li t-Tabib kien minn dejjem għamel minn qalbu għal pajjiżu. Kellu għalfejn it-Tabib Chetcuti jistħajjel li dik l-offerta kienet bħalkieku offiża li weġġgħetu fil-laħam il-ħaj.

F'nota li l-Professur Gulia daħħal fil-kitba tiegħu jirrakkonta kemmxejn fit-tul dwar dan l-inċident kif ukoll dwar il-laqgħa li t-Tabib Chetcuti kellu mas-Segretarju Privat tal-Gvernatur, Collings, qabel ma dan daħħlu quddiem il-Gvernatur. Għalkemm Collings ma kienx fassal l-offerta hu, huwa xtaq kieku jħajjar lit-Tabib Chetcuti jaċċettaha, iżda t-tabib baqa' jwebbes rasu u ma biddilx fehmtu. Dr. Joseph B.H. Collings kien jaf sew x'kien isarraf it-Tabib Chetcuti. Barra li kien tabib hu stess[9], huwa kien twieled u trabba Malta, minn omm Maltija, u kien sar jaf mill-qrib lit-tobba Maltin fiż-żmien li fih kien Spettur tas-Servizzi tas-Saħħa taħt il-Gvernatur O'Ferral.[10]

Fil-qagħda ta' segretarju privat tal-Gvernatur Reid iżda huwa ma seta' jagħmel xejn biex itejjeb l-offerta li kienet saret minn uffiċjali oħrajn tal-Gvern. Dak iż-żmien il- prattika kolonjali kienet li l-aħjar kundizzjonijiet ta' servizz jingħataw lil dawk l-uffiċjali li kienu jitqabbdu direttament minn Londra. Din kienet prattika inġusta li kienet tweġġa' mhux ftit lill-impjegati Maltin, li ħafna minnhom kienu jaħdmu minn qalbhom għall-ġid ta' pajjiżhom. X'aktarx li waqt li min kien fassal l-offerta kien iħoss reqqa dwar in-nefqa mit-Teżor, seta' kellu nuqqas ta' rieda tajba fejn kienu jidħlu mpjegati Maltin.

Raġuni oħra li għaliha l-Prof. Gulia ħass il-ħtieġa li jikteb fit-tul dwar dan l-inċident kienet dik li x'aktarx xi ilsna ħżiena kienu mexxew l-għidut li t-Tabib Chetcuti kien irrifjuta l-offerta ta' Professur fl-Università minħabba f'interess ta' qligħ personali. Dawn il-qlajjiet ma setgħux kienu aktar fiergħa u lilhinn mis-sewwa. Kien għalhekk li l-Prof. Gulia ried li ma jħalli ebda dubju dwar dawk li kienu r-raġunijiet li għalihom tabilħaqqq it-Tabib Chetcuti ċaħad l-offerta ta' ħatra ta' Professur fl-Università.

## Għarfien mistħoqq

Il-fama tajba li kiseb tul ħajtu t-tabib Chetcuti jixhduha l-kuntatti mill-qrib li kellu ma' wħud mill-aqwa tobba f'Napli u f'Pariġi u fi bliet oħrajn ewlenin tal-Ewropa. Ikomplu jixhduha wkoll l-għadd ta' onorifiċenzi barranin li ngħatawlu b'għarfien ta' ħiltu u ta' ħidmietu. Minbarra fil-qasam tal-mediċina, it-Tabib Chetcuti kien ukoll magħruf għall-ħidmiet ta' karità li kien jagħmel minn qalbu, fosthom l-għajnuna li ta minn butu għall- isptar il-ġdid ta' mard il-moħħ. Jixhdu wkoll il-qalb tajba tiegħu l-għadd ta' persuni prominenti - u mhux biss tobba - li mxew fil-korteo tal-funeral tiegħu wara mewtu.

## Funeral imponenti

It-Tabib Gulia ħallielna deskrizzjoni xi ftit fid-dettal dwar il-funeral tat-Tabib Chetcuti.[11]

It-Tabib Chetcuti miet fid-dar tiegħu tal-Belt Valletta, iżda l-fdalijiet tiegħu ttieħdu 'l Mosta għad kif kien ħalla biex isir wara mewtu. Dr. Gulia jfisser kif it-tebut tal-mejjet, bħalma kien soltu jsir, tqiegħed qabel xejn fil-Kappella ta' San Anard. Hemm in-nies tal-Mosta setgħet tagħtih l-aħħar tislima. Minn dik il-kappella ċkejkna, imbagħad ittieħed il-knisja tal-Mosta. Imxew warajh kollegi u ħbieb kif ukoll nies ta' kull klassi tas-soċjetà, flimkien mal-qassisin tar-raħal li kantaw is-salmi.

Il-Kappillan ta' dak iż-żmien kien Dun Anton Mallia. Kien hawn fir-raħal tagħna dak iż-żmien għadd ta' qassisin Mostin, fosthom Dun Ġlormu u Dun Ġużepp (li laħqu Monsinjuri), Dun Tumas u Dun Salv - ilkoll ulied in-Nutar Francesco Chetcuti - li kien il-Prokuratur tal-knisja. Kien hawn ukoll Mons. Mikelanġ Mifsud, iben il-familja Mifsud, li għamlet ġieħ lill-Mosta. Aktar 'il quddiem il-Papa Ljun XIII ħatar lil Mons. Mifsud bħala Prelat Domestiku tiegħu. Mons. Mifsud serva għal xi żmien bħala Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta. Kien hu li qaddes l-ewwel quddiesa fir-Rotunda, u dan fuq l-artal tal-kor. Huwa ħabrek flimkien ma' missieru l-Avukat Ġan Battista (li dak iż-żmien kien għadu ħaj) biex tiżżejjen il-kappella ta' San Pawl tar-Rotunda.

It- tabib Gulia ħalla ħjiel dwar persuni distinti li attendew il-funeral iżda ma jsemmix lill-membri tal-familja Pullicino u lanqas lil dawk il-Mostin prominenti li ma setgħux ma kinux fuq quddiem nett fil-korteo. Fost dawn il-Mostin ta' min li wieħed isemmi lill-Avukat Salvu Mifsud (ħu l-Mons. Mikelanġ), it-Tabib Daniel Chetcuti li kien t-tabib ewlieni tat-raħal u t-Tabib Antonio Mifsud (ħu l-Mons. Mikelanġ ukoll) li kien speċjalista tal-maternità. Ma jistax jonqos li dawn tal-aħħar, li kienu tobba, ma kinux jafu mill-qrib lit-Tabib Tumas, kemm bħala kollega u kemm bħala Mosti bħalhom.

## Iċ-ċerimonja funebri fil-knisja

Fir-Rotunda, li ma kienx ilha li tbierket mill-Isqof Pace Forno, saret iċ-ċerimonja funebri. Għalkemm il-koppla kienet laħqet ittellgħet, ma kinitx għadha tlestiet il-lanterna, li hemm fuq nett tagħha llum. Wara ċ-ċerimonja funebri, li tmexxiet mill-Kappillan Mallia, il-fdalijiet tat-tabib ittieħdu għad-difna fil-knisja stess, fil-post fejn qabel kien hemm il-kappella tal-Lunzjata.[12] Aktar 'il quddiem imbagħad tqegħdet lapida tal-irħam fil-kuritur li jgħaqqad iż-żewġ sagristiji biex tfakkar lill-persunaġġ magħruf.

## Attendenza għall-funeral

Irrid nikteb xi ħaġa dwar xi persuni prominenti li t-Tabib Gulia isemmi fost dawk li attendew il-funeral, mhux biss biex nagħti ftit ħjiel dwar kemm kien tassew miġjub it-Tabib Chetcuti, iżda wkoll biex insaħħaħ il-fehma dwar kemm dan il-persunaġġ Mosti kien tabilħaqq dedikat għall-ġid tal-oħrajn. It-Tabib Gulia jsemmi fost dawk li attendew il-funeral, lit-Tabib Adami u lit-Tabib Axisa, lill-Prof. Dimech, lill-Onor. Ferdinando Inglott u l-Onor. Vincenzo Bugeja, u n-negozjant Papaffy.[13]

Għalkemm it-Tabib Gulia ma jgħoddx lilu nnifsu magħhom, ma jistax jonqos li hu ma kienx hemm ukoll, u fuq quddiem.

## It-Tabib Gavino Gulia

It-Tabib Gavino Gulia għex fis-snin 1835-1889. Kif jistqarr hu stess, kien ħabib mill-qrib tat-tabib Chetcuti. Għal xi żmien huwa okkupa l-kariga ta' Professur tal-Mediċina Legali fl-Università. Minbarra fil-qasam tal-Mediċina, it-Tabib Gulia għamel isem ukoll fil-qasam tax-Xjenza Naturali. Fost diversi kontributi li għamel fil-Mediċina f'Malta, insibu xi sejbiet dwar il-marda tad-dijabete. Huwa kien wieħed minn ta' quddiem li għamel użu tal-mikroskopju għall-istħarriġ tal-mard. Huwa kien l-editur tar-rivista xjentifka 'Barth'. Mhux hawn il-lok li nikteb fit-tul dwar il-kisbiet ta' dan il-Professur fil-qasam tal-mediċina u tax-xjenzi naturali. Ma rridx noħroġ 'il barra mill-għan ewlieni ta' din il-kitba, li huwa dak li nuri lit-tabib Chetcuti fl-aspett uman tiegħu, aktar milli fil-kontribut xjentifiku tiegħu. Dwar il-kontribut xjentifiku ta' dan it-Tabib Mosti nirreferi lill-qarrejja lil min hu tassew imħarreġ fis-suġġett. Insemmi fost oħrajn it-tabib u storiku Dr. Paul Cassar u l-Prof. C. Savona Ventura.[14]

## It-Tabib Ferdinando Inglott

It-tabib Ferdinando Inglott ħa l-post ta' Spettur tal-Karità meta rtira minnu t-tabib Gavino Patrizio Portelli f'Diċembru tal-1858.[15] F'din il-kariga huwa kien imexxi l-istituti tal-Karità tal-Gvern u t-tqassim ta' karità lill-foqra. It-tabib Inglott kien Membru tal-Kunsill tal-Gvern.

## It-Tabib Francesco Adami

It-Tabib Francesco Adami, li kien joqgħod l-Isla, kien magħruf għal ħiltu fil-mediċina u kien maħbub għal qalb tajba tiegħu. Huwa kellu fih ħerqa mhix żgħira patrijottika, hekk li jissemma' minn Bianca Fiorentini[16] bħala membru tal-'*Associazione Patriottica*'. Huwa kien jikteb fir-rivista patrijottika '*Monitore Màltese*'. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu midfunin fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ. Huwa kien wieħed mill-firmatarji ta' ittra li ntbagħtet lid-Duka ta' Newcastle fl-1878 (b'appell minħabba fir-riformi li l-Ingliżi ppruvaw idaħħlu f'Malta dak iż-żmien). Flimkien miegħu kienu ffirmaw dik l-ittra wkoll il-Baruni Azopardi, il-Markiż Scicluna, Salvatore Cachia Zammit, Agostino Naudi, Goffredo dei Baroni Sciberras, Barone Testaferrata Abela, G. Testaferrata Viani u l-Markiżi De Piro u Cassar Desain.

## It-Tabib Salvatore Axisa

It-Tabib Salvatore Axisa kien it-Tabib tal-Ospizju tal-Furjana meta faqqgħet il-kolera fl-1837. Kien hu li fid-9 ta' Ġunju 1837, kiteb rapport lill-Gvernatur dwar l-ewwel każijiet ta' dik l-imxija li kienet tfaċċat fl-Ospizju. It-tobba Ingliżi tal-Gvern ma kinux qablu miegħu, iżda t-Tabib Chetcuti (li dak iż-żmien kien t-tabib tal-Isptar ta' Santu Spirtu tar-Rabat) kien taħ appoġġ sħiħ. Kopja tal-ittra tinstab fil-kitba tat-tabib Chetcuti: '*Notizie Storiche e Patologiche*', li ppubblika fl-1838.[17] It-tabib Axisa, bħal ma għamel xejn anqas minnu t-Tabib Chetcuti, kien wera qlubija kbira bla ma beża' għalih innifsu fil-qadi ta' dmirijietu ta' tabib u kien wera wkoll imħabba kbira lejn il-morda li ġew taħt idejh.

## Persuni magħrufin għall-ħidma fil-karità

Ħassejt li kelli ndaħħal xi tagħrif siewi dwar xi persuni oħrajn prominenti li ssemmew mit-Tabib Gulia, mhux biss għax kienu midħla tat-Tabib Chetcuti, iżda wkoll għax għalkemm ma kinux tobba, kienu wkoll taw kontribut siewi lis-soċjetà Maltija ta' żmienhom. Dr. Gulia jsemmi lill-Markiż Bugeja u Giovanni Papaffy. It-tnejn neguzjanti għonja li taw minn ġidhom kemm f'ħajjithom u kemm wara mewthom għal ħidmiet ta' fejda. Wieħed ma jridx jinsa li t-Tabib Tumas innifsu kien magħruf għal ħidmiet ta' karità.

## Il-Markiż Ċensu Bugeja (1820-1890)

Il-Markiż Ċensu Bugeja kien neguzjant li ta ħafna flejjes minn ġidu għal ħidmiet ta' karità f'Malta.[18] Flimkien ma' martu l-Markiża Anna, huma ħadmu bla heda għall-ġid tal-fqar f'Malta. Il-Markiża kompliet tħabrek wara l-mewt ta' żewġha għall-ġid tal-oħrajn.

Il-Markiż Bugeja baqa' msemmi għall-istitut li waqqaf u li ssemma' għalih - il-Konservatorju Vincenzo Bugeja tal-Ħamrun. F'dan l-istitut li nfetaħ f'Mejju 1880, is-Sorijiet tal-Karità kienu jieħdu ħsieb it-tfajliet orfni. Il-Markiż Bugeja waqqaf ukoll Fond li minnu kienu jingħataw għajnuna dawk il-Maltin li riedu jemigraw biex ifittxu xogħol barra minn Malta. Dan il-fond setgħu jgawdu minnu żgħażagħ Maltin ta' bejn 17 u 26 sena, li ma kinux miżżewġin, li kienu jafu jitkellmu bl-Ingliż, bit-Taljan u bil- Franċiż, li kienu jafu jħaddmu r-regoli tal-aritmetika u li kellhom kalligrafija tajba. Dak iż-żmien il-Maltin kienu jfittxu jemigraw l-aktar lejn pajjiżi f'xatt il-Mediterran bħal ma huma Tunis u l-Alġerija, fejn kienu mitkellma l-ilsna tal-Franċiż u tat-Taljan, u l-Eġittu, fejn l-Ingliżi kellhom interess li kien qiegħed jikber. Minħabba f'dawn ir-restrizzjonijiet fl-għoti tal-għajnuna, l-aktar li setgħu jgawdu mill-Fond Bugeja kienu żgħażagħ tal- klassi tan-nofs, madankollu jibqa' l-fatt li dan il-Fond sewa mhux ftit fi żmien meta l-emigrazzjoni ma kinitx organizzata u kien hawn ukoll xi politiċi li ma ridux li l-Maltin ifittxu xogħol barra minn xtutna. Għadd ta' żgħażagħ Maltin ingħataw benefiċji mill-Fond. Il-Markiż ħalla wkoll somma ta' għoxrin elf lira sterlina - somma kbira għal dak iż-żmien - għall-bżonnijiet tal-fqar u l-morda.


Il-Markiż Vincenzo Bugeja[20]

It-titlu ta' Markiż ingħata lil Ċensu Bugeja mill-Papa Ljun XIII b'għarfien tal-ħidmiet tiegħu f'oqsma ta' karità u ta' għajnuna lill-Knisja. Il-Prinċep Edward ta' Wales

għamlu Kavallier tal-'*Order of the Garter*'. Il-Markiż Bugeja dam għal ħafna snin Membru tal-Kunsill tal-Gvern fejn ta kontribut siewi għall-ħruġ ta' bosta liġijiet fil-qasam kriminali kif ukoll f'dak kummerċjali u ħabrek biex jitwettqu diversi riformi dwar għajnuna lil nies fil-bżonn. Il-Markiż Bugeja huwa magħruf fil-Mosta għall-bust tal-irħam ta' Grognet li tqiegħed fil-knisja tal-Mosta (fil-kappella taċ-Ċintura) u li ħallas għalih minn butu. Huwa miet bla ma ħalla tfal f'Settembru 1890. Wara mewtu, il-Markiża Anna (imwielda Darbois) kompliet twettaq ħidmiet siewja, fosthom tat art u fondi għall-bini tal-knisja ta' San Pawl il-Baħar.

Il-Markiż Bugeja kien ħabib mill-qrib tal-Onor. Ferdinando Inglott, li kien ukoll wieħed mill-persuni prominenti li akkumpanja l-funeral tat-Tabib Tumas Chetcuti.[19]

## Giovanni di Nicola Papaffy (1792-1886)

L-attendenza ta' Giovanni Nicola Papaffy għall-funeral tat-Tabib Chetcuti tixhed il-ħbiberija mill-qrib li kien hemm bejniethom b'rabtiet fil-qasam soċjali, kif ukoll dak tal- karità. Jidher li t-tabib Chetcuti kien midħla tal-komunità Griega li kienet tgħix f'Malta dak iż-żmien, fejn tnejn mill-persuni l-aktar prominenti tagħha kienu l-Prof. Schinas (li semmejt qabel) u n-negozjant Papaffy.

Giovanni Papaffy - flimkien mal-Markiż Ċensu Bugeja - jitqies wieħed mill-persuni twajba li taw jew ħallew ħafna minn ġidhom għal ħidmiet soċjali. Papaffy twieled f'Tessaloniki, li dak iżmien kienet tagħmel parti mill-Maċedonja u li kienet taqa' taħt il-ħakma tat-Turkija. Huwa ġie Malta ma' missieru meta kien għadu żgħir u flimkien miegħu kien imdaħħal fix-xiri u negozju tal-qamħ li fil-biċċa l-kbira kien jinġab Malta mit-Turkija u mill-Greċja ta' Fuq u min-naħa t'isfel tal-Asja. Wara l-battalja navali ta' Navarino fl-1827, parti kbira mill-Greċja tal-lum inħelset mit-Torok, iżda l-Maċedonja baqgħet taħt ħakma Torka. Papaffy, li kien Ortodoss, ipprefera li jibqa' joqgħod Malta fejn kien rabba l-għeruq. Huwa żżewweġ lil Carmela Micallef, u meta din mietet reġa' żżewweġ mara Maltija oħra, Vincenza Aquilina. Kemm dam f'Malta tgħallem tajjeb l-Ingliż. Huwa kien iħobb lil Malta, u Malta kellha xorti tajba li laqgħetu. Madankollu huwa baqa' jħobb ukoll xejn anqas lill-pajjiżu, it-Tessalonika, u hemmhekk għadu jitqies sal-lum bħala patrijott u benefattur.



**Papaffy (bil-Grieg 'Papaphis') - fundatur tal-Orfanatrofju Papapheion f'Tessaloniki.[22]**

Fil-qasam tal-kummerċ Papaffy kien jitqies wieħed min-negozjanti ewlenin tal-gżira. Wieħed mill-konsulenti legali tiegħu kien l-Avukat Adriano Dingli (li wara laħaq Avukat tal-Kuruna, kif ukoll President tal-Qrati u konsulent ewlieni tal-Gvern Ingliż).[21]

Minn tiftix li għamilt sibt li fir-rapport tagħhom il-Kummissarji Rjali Austin u Cornewall Lewis fl-1838, isemmu ittra li Papaffy kiteb lill-President tal-Kamra ta' negozjanti Maltin, b'kopja lis-Segretarju Ewlieni tal-Gvern fejn ilmenta dwar il-mod kif kien qiegħed isir in-negozju tal-qamħ, iżda dan tal-aħħar irrifjuta li jippubblika l-ittra fil-Gazzetta tal-Gvern.[23] Dan inġab mill-Kummissarji b'argument kontra ċ-ċensura f'Malta dak iż-żmien. Fl-1845 Papaffy ilmenta mal-Gvern dwar l-għadd ta' muniti barranin li kienu jiċċirkulaw bħala muniti legali fil-gżira. Kien hemm mhux anqas minn sitt muniti barranin iduru fl-idejn. Papaffy kien minn ta' quddiem li jfiehem lill-Gvern il-ħtieġa ekonomika li jkun hawn fl-idejn munita waħda u li għalhekk kellhom jitneħħew mill-idejn muniti oħrajn barranin, fosthom dik ta' Sqallija. Minħabba fl-għadd ta' muniti fl-idejn wieħed seta' jagħżel il-munita li jħallas biha skont kemm kienet issarraf fis-suq. Wieħed seta' għalhekk iħallas b'munita li kienet tħallilu qligħ għalih, b'telf lil min ikun irċieva l-ħlas. Kien fl-aħħarnett fl-1885 meta l-Gvern Ingliż b''*Order in Council*' għaraf il-lira sterlina bħala l-munita uffiċjali fit-territorji kollha taħt il-ħakma tiegħu.[24]

Papaffy kien magħruf għall-ħidmiet fil-qasam soċjali, kif ukoll għall-għotjiet ta' benefiċenza li waqqaf kemm f'ħajtu kif ukoll wara mewtu. Fost l-għotjiet li għamel f'Malta hemm il-fond li waqqaf b'nefqa ta' €1,000 (€2,329.37ċ) – għal dak iż-żminijiet somma kbira. Minn dan il-Fond huwa ried li skont kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel minnu, tingħata għajnuna lil dawk li riedu jsiefru. Fost dawk li bbenefikaw minn dan il-fond kien hemm għadd ta' Maltin li emigraw lejn l-Alġerija jew f'naħat oħrajn tal-Afrika ta' Fuq.[25] Flimkien mal-Markiż Bugeja, Papaffy jitqies benefattur tal-emigranti Maltin.

Papaffy għamel ukoll diversi għotjiet ta' karità lill-orfanatrofji u lill-istituti tal-karità f'Malta, kif ukoll fil-Greċja. Fit-Tessalonika Papaffy baqa' magħruf għall-Fondazzjoni Meliteus, li waqqaf bi flusu. Din il-Fondazzjoni tmexxi l-orfanatrofju Pappafeiou li ssejjaħ b'dan l-isem, b'għarfien tal-benefattur li ħallas għalih. Dan l-orfanatrofju għadu jitqies sallum l-akbar wieħed fil-Greċja.[26]

Papaffy miet fir-Rabat ta' Malta fl-1886, u ndifen fiċ-Ċimiterju ta' Braxia f'Tal-Pietà. Wara mewtu, twaqqaf monument fil-Ġonna tal-Mall fil-Furjana b'tifkira tiegħu.[27]

## Messaġġ għal żminijietna

It-Tabib Tumas Chetcuti għadu sal-lum miġjub kif jixraqlu minn sħabu t-tobba Maltin. Dan mhux biss għall-kontribut tiegħu fil-qasam xjentifiku iżda wkoll għall-ħidma mheġġa tiegħu ta' mħabba fost il-morda, bla distinzjoni ta' klassi, bejn fqar u għonja. Tispikka fih ukoll il-Fidi Nisranija. Huwa fehem li t-taħriġ xjentifiku waħdu fil-qasam tal-mediċina ma setax ikollu l-effett mixtieq, jekk ma jkunx imsieħeb ma' karattru sod u ma' rispett ta' valuri ta' etika. Kien dan il-ħsieb li ġiegħel lilu flimkien mat-tabib Nicola Zammit jishqu dwar il-ħtieġa tat-tagħlim tal-filosofija fit-taħriġ tat-tobba fl-Università.[28]

Dan il-ħsieb ma huwa xejn anqas validu u siewi llum, fiż-żminijiet li għaddejjin minnhom.

***Referenzi:***

[1] Minbarra lil Chiara, il-Perit Pullicino kellu ħamest ulied oħra: Aloisia, Carmela, Fra Paolo, Don Giovanni Battista li laħaq Professur tal-Matematka fl-Università u Rafel li laħaq Perit. Ara: 'Proceedings of History Week', 1982, Malta, 'The (Malta) Historical Society, 1983, (1-19), p. 1. 'Art and Architecture in Malta in the Early Nineteenth Century', Michael Ellul (ibid).

[2] Michael Ellul ibid.

[3] (Dr.) Gavino Gulia: 'Biografia di Tommaso Chetcuti' scritta da Gavino Gulia, Malta, Tipografia SG Vassalli, 1863.

[4] Tommaso Chetcuti: 'Notizie storiche e Patologiche cliniche sul cholera che divampò in Malta e Gozo nell'Estate del 1837'. Malta, Tipografia Luigi Tonna, 1838.

[5] Prof. Dr. Nicola Zammit, li twieled is-Siġġiewi kien filosfu, tabib, arkitett u awtur ta' ħafna xogħlijiet letterarji (fosthom ktieb kommemorattiv tal-Festi Ċentinarji Pawlini li saru fl-1858). Bħala tabib huwa kien imqabbad mill-Kamra tat-Tobba flimkien mat-Tabib Chetcuti biex jistħarrġu dwar it-tagħlim tal-Kors tal-Mediċina fl-Università. Fost ix-xogħlijiet arkitettoniċi tal-Prof. Zammit insibu d-disinni tal-faċċata tal-Kolleġġjata ta' San Pawl il-Belt, il-faċċata tal-knisja ta' San Nikola tas-Siġġiewi, u dik ta' San Publju fil-Furjana.

[6] Dr. Gavino Gulia, op. cit., p. 27.

[7] Dr. Gavino Gulia, op. cit., p. 29.

[8] Dr. Gavino Gulia, op. cit., p. 27.

[9] Collings kien serva ta' tabib fuq vapuri Ingliżi. Kien waqt il-vjaġġ tiegħu lejn Malta li ltaqa' mal-Gvernatur O'Ferral u dan qabbdu biex jgħinu fir-riformi li xtaq jagħmel fis-servizzi tas-saħħa.

[10] Ara nota f'tarf paġna 28, ta' ''Biografia di Tommaso Chetcuti' scritta da Gavino Gulia, Malta, Tipografia SG Vassalli, 1863. It-Tabib Gulia jikteb hekk: 'meta t-tabib Chetcuti fisser lill-Gvernatur Sir William Reid li bis-salarju umiljanti ta' 40 lira huwa ma kienx ikun jista' jaqdi l-impenji tiegħu kif kien jixraq u skont kif kienet titlob id-dinjità tal-kariga (ta' Professur tal-Mediċina), u li għalhekk il-Gvernatur ma kienx ser idawwru (b'żieda żgħira fl-offerta). Iżda kien ikun qiegħed ikabbar għalxejn in-nefqa tal-kaxxa ta' Malta. Il-Gvernatur wieġbu li s-somma li offra kienet suffiċjenti għax fi tliet snin kienet tkun tammonta għal 120 lira (sterlina). Kien argument stramb dan! Wieħed kien jistenna li għal din it-tweġiba (sarkastika) tal-Gvernatur, wieħed kien jisber u jitlef it-tempra, iżda t-tabib Chetcuti wieġeb minflok bi tbissima, li ma setgħetx ma tikxifx il-fawra li kienet qegħdha tbaqbaq ġo fih. Dak li kien iħoss b'offiża għalih ma kienx daqstant iċ-ċifra umiljanti li offrewlu daqs kemm il-ħsieb li għal dik is-somma (miżera), seta jkun hemm xi ħaddieħor li jitħajjar jaċċetta dak l-inkarigu għoli fil-qasam edukattiv. Għal dik ir-rimarka fiergħa (tal-Gvernatur), it-tabib ma ħasibhiex darbtejn iwieġeb bid-daħqa - u bi kliem xejn anqas sarkastiku minn tal-Gvernatur - li b'dik l-istess ċifra f'għaxar snin wieħed kien itella' s-somma ta' erba' mitt lira. Waqt li skuża ruħu li ma setax jaċċetta dik l-offerta bħal, it-tabib qabel ma ħareġ minn hemm żied jgħid lill-Gvernatur, bi kliem sod, li huwa kien jiċħad kull offerta ġdida (ta' nkarigu) li setgħet issirlu, anki jekk b'kondizzjonijiet (ta' flus) aktar xierqa. Dr. Gavino Gulia, op. cit., nota f'tarf p. 28-29.

[11] Dr. Gavino Gulia, op. cit.

[12] Fuq in-naħa tal-lemin qrib il-bieb ta' barra tal-knisja l-qadima kien hemm kappella ddedikata lil-Lunzjata. (Ara Stanley Mangion: Il-Vista Pastorali tal-Isqof De Bussan fil-Parroċċa tal-Mosta, Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla, 2009, p. 7). Din il-kappella tneħħiet meta nbiet il-knisja l-ġdida. Il-kwadru tal-Lunzjata tqiegħed fis-Sagristija.

[13] Dr. Gavino Gulia, op. cit., p. 34.

[14] Ta' min wieħed isemmi: 'Contemporary Medicine in Malta', C. Savona Ventura, 'Outlines of Maltese Medical History', 1997, Midsea Books Ltd, Malta; u C. Savona Ventura: 'Medical Disease in Malta', P.E.G, 2004, Malta; Paul Cassar: Dr. Thomas Chetcuti, Scientia, 1949, 15; u Dr. P. Cassar: 'Medical History of Malta'.

[15] Meta f'Marzu 1858 Dr. Collings inħatar Awditur Ġenerali d-dmirijiet li kellu tqassmu. It-tabib Gavino Patrizio Portelli, li qabel kien tabib ewlieni tal-Isptar Ċentrali, inħatar Spettur tal-Karità waqt li l-Avukat Carmelo Mariani, li qabel kien Avukat tal-Fqar u wieħed mill-Viżitaturi tal-Ħabs ta' Kordin, inħatar Spettur tal-Ħabsijiet. It-tabib Ferdinando Inglott kien is-suċċessur tat-Tabib Portelli. (Ara: 'Melita Historica', ippubblikat mill-'Malta Historical Society', 13, (2000)1(77-94), p. 77. Joseph Becket Henry Collingwood and the Reforms of the Charitable Institutions of Malta, Walter Bonnici.

[16] 'Malta Refugio di esuli e focolare ardente di conspirazione durante il Risorgimento italiano'.

[17] Tommaso Chetcuti: 'Notizie storiche e Patologiche cliniche sul cholera che divampò in Malta e Gozo nell'Estate del 1837, Malta, Tipografia Luigi Tonna, 1838.

[18] Jingħad li Vincenzo Bugeja għamel ħafna flus mil-logħob fil-Casinò ta' Monte Carlo.

[19] Ara: 'Profiles in Maltese Migration', Fr. Lawrence E. Attard, 2003, P.E.G., Malta.

[20] allmalta.com

[21] Melita Historica: 'Journal of the Malta Historical Society', 1 (1954), 3 (164-184), p. 164, 1 (1955), 4 (221-260), Sir Adriano Dingli (Parts I and II), sommo statista, legislatore, magistrato - Arturo Mercieca, p. 221.

[22] Fotografija Liberija Joannis Gennadeios, Ateni.

[23] Report No. 3, 'Report on the Liberty of Printing and Publishing', 'Report of the Commissioners appointed to inquire into the affairs of the Island of Malta', Printed by Her Majesty's Command, 20th February, 1838.

[24] 'A History of Currency in the British Colonies' by Robert Chalmers, London, Printed for H.M.S.O by Eyrie and Spottiswoode, 1893, p. 318 u 322. Id-deċiżjoni li l- Gvern Ingliż jagħraf l-Isterlina bħala munita waħdanija kien pass 'il quddiem fil-mixja tal-ħsieb dwar l-unità tal-Imperu Ingliż li laħaq il-qofol tiegħu fl-aħħar snin tas-seklu dsatax, fiż-żmien li fih Joseph Chamberlain kien Segretaru tal-Istat għall-Kolonji.

[25] Ara: 'Profiles in Maltese Migration', Fr. Lawrence E. Attard, 2003, P.E.G., Malta.

[26] Ara: *http://www.macedonian-heritage.gr/HellenicMacedonia/en/B3.4.1.5.1.html u Internet: 'Photographs from an exhibition tracing the history of the Meliteus Foundation orphanage in Thessaloniki, set up by philanthropist Ioannis Papafis in 1903. As well as offering food and shelter, the orphanage had workshops where children were trained to work as tailors, cobblers, blacksmiths, mechanics, fitters, woodworkers and electricians.*

Iota Myrtsioti, Kathimerini, Thessaloniki, tikteb li: 'The Meliteus Foundation orphanage, set up by philanthropist Ioannis Papafis (1792-1886), is being celebrated in an exhibition of photographs that opened Saturday. The Papafeiou, as the largest orphanage in Greece was known, raised generations of children who hold their annual reunion on Saint John's day in honor of the founder. Tuesday, January 10, 2006.

[27] Ara: Stqarrija għall-istampa maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni, DOI, 26-03-2007.

[28] Dr. T. Chetcuti u Dr. N. Zammit: 'Rapporto ragionato della commissione incaricata dalla Società Medica di esaminare il progetto di studi relattivamente alla medicina', Malta, 1842. Ara wkoll: Dr. Gavino Gulia, op. cit., p. 18-19.

[29] C. Savona Ventura: 'Medical Disease in Malta', P.E.G., 2004, Malta.